MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Numru. 300/2007

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Dennis Stephen Farrugia, iben Charles, imwieled l-Awstralja fit-3 ta’ April, 1987, Karta ta’ l-Identita numru 471992(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ fil-perjodu bejn l-1 ta’ Awwissu, 2006 u il-31 ta’ Diċembru, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. ikkometta serq ta’ cheques tal-Bank of Valletta plc għad-dannu ta’ Francis Scicluna detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 916851(M);
2. għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifiakzzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ għamel falsifikazzjoni tal-firma ta’ Francis Scicluna, karta ta’ l-Identita numru 916851(M) fuq cheques tal-Bank of Valletta;
3. xjentement għamel użu mill-istess atti, skrituri jew kitba falza, imsemmija fit-tieni akkuża;
4. talli ffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu pprezentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu kunsinna ta’ l-oġġetti, jew jiġbor depozitu, jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
5. talli xjentement għamel użu minn ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati msemmija fir-raba’ akkuża;
6. b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta’ Francis Scicluna;
7. xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ April, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut u illum ma għandu jagħti xejn lil ħadd.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra.  Rat l-artikoli 167(1), 169, 183, 184, 284, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel opportunita’ li jkellu, l-eta’ żgħira ta’ l-imputat meta saru r-reati, il-fatt li ħallas lura dak kollu dovut, il-fedina penali tiegħu u il-fatt li llum l-imputat qed jaħdem bi profit.  Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------